

Brussell, 11 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14450/24

ELARG 131
COEST 554
CODEC 1931
CADREFIN 148
FIN 899
ECOFIN 1137
BUDGET 60
POLGEN 131

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Ottubru 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 470 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Komunikazzjoni dwar il-Pjan ta' Tkabbir għall-Moldova

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 470 final.

Mehmuż: COM(2024) 470 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.10.2024
COM(2024) 470 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Komunikazzjoni dwar il-Pjan ta' Tkabbir għall-Moldova

INTRODUZZJONI

Il-politika tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea (UE) tibqa' waħda ta' importanza ċentrali għas-salvagwardja u l-promozzjoni ta' Ewropa paċifika, stabbli, b'saħħitha u magħquda. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna għal darb'oħra turina l-ħtieġa għal investiment ġeostrateġiku sod f'din il-politika. Is-sħubija sħiħa tar-Repubblika tal-Moldova (minn issa 'l quddiem il-Moldova) hija fl-interess politiku, ekonomiku u ta' sigurtà tal-UE. Hija rispons dirett għall-aspirazzjonijiet Ewropej tal-Moldovani, u tgħin biex isaħħaħ demokrazija stabbli u li qed tikber, itejjeb l-għajxien ekonomiku u soċjali tagħhom, u fl-aħħar mill-aħħar, toffri ġejjieni aktar sikur, paċifiku u aktar prosperuż. Issa jeħtieġ li l-UE tipprovdi l-appoġġ meħtieġ għall-Moldova biex tħaffef il-pass tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv tagħha u l-proċess ta' adeżjoni tagħha, abbażi ta' riformi relatati mal-UE, permezz ta' Pjan ta' Tkabbir ġdid għall-Moldova.

Il-konverġenza tal-Moldova mas-suq uniku tal-UE bdiet fl-2014 bid-dħul fis-seħħ proviżorju tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova¹, li kien jinkludi Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA, Deep and Comprehensive Free Trade Area). Permezz tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment (EIP, Economic and Investment Plan) għas-Sħubija tal-Lvant², l-UE, f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, diġà mmobilizzat EUR 1,6 biljun f'investimenti pubbliċi u privati fi proġetti emblematiċi għall-Moldova. L-EIP kien kruċjali biex jixpruna l-investimenti f'setturi kritiċi bħall-konnettività, l-effiċjenza enerġetika, l-iżvilupp tan-negozju, u l-kompetittività. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-piż ekonomiku u soċjali kbir li ġarrbet il-Moldova bħala konsegwenza tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u tat-tentattivi tar-Russja li tiddestabilizza l-pajjiż permezz ta' kampanji ta' diżinformazzjoni, kif ukoll il-koerċizzjoni enerġetika u ekonomika³, wasslu għal majnar tal-irkupru. Il-prodott domestiku gross (PDG) tal-Moldova *per capita* kien ta' 29 % tal-medja tal-UE fl-2023, li jindika diskrepanza sinifikanti fil-konverġenza soċjoekonomika mal-UE.

F'dan il-kuntest diffikultuż, u minn meta applikat biex tissieħeb fl-UE f'Marzu 2022, il-Moldova tat xhieda ta' reżiljenza u implimentat b'mod kostanti riformi essenzjali biex tavvanza fil-perkors għall-adeżjoni. Frott l-impenji ta' riforma, il-Moldova ngħatat l-istatus ta' kandidat tal-UE f'Ġunju 2022 u n-negozjati tal-adeżjoni nfetħu f'Ġunju 2024. Madankollu, bir-rata attwali ta' tkabbir ekonomiku u r-rata kajmana ta' konverġenza, il-pajjiż se jinżamm lura milli jagħmel progress rapidu fit-triqtu lejn l-UE jekk ma jingħatax appoġġ politiku u ekonomiku deċiżiv ulterjuri.

L-UE rrikonoxxiet l-importanza li tappoġġa lis-sħab tal-Balkani tal-Punent bil-Pjan ta' Tkabbir il-ġdid għall-Balkani tal-Punent ippreżentat fl-2023⁴. Il-pjan ta' Tkabbir għall-Moldova għandu l-għan li jindirizza sfidi simili għal daww tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, jagħti spinta lill-

¹ Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-enerġija atomika u l-istati membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra; [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:22014A0830\(01\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:22014A0830(01))

² SWD(2021) 186 final

³ FI-4 ta' Diċembru 2023, ir-Russja introduċiet projbizzjoni sħiħa fuq l-importazzjoni ta' ħxejjex u frott mill-Moldova.

⁴ COM(2023) 691 final


konverġenza soċjoekonomika mal-UE u jappoġġa l-proċess ta' adeżjoni, abbażi tal-implimentazzjoni tar-riformi relatati mal-UE. Il-Pjan ta' Tkabbir għall-Moldova se jipprovdi impetu għdid u komparabbli għall-ekonomija u s-soċjetà tal-Moldova. Il-Pjan, imsejjes fuq tliet pilastri, se jħaffef il-pass tar-riformi soċjoekonomiċi u fundamentali (il-Pilastru 1), isahha l-aċċess għas-suq uniku tal-UE (il-Pilastru 2) u jżid l-assistenza finanzjarja permezz ta' Faċilità apposta għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Moldova (il-Pilastru 3). Flimkien, il-pjan u l-faċilità se jippermettu u jinċentivaw ir-riformi u l-investimenti meħtieġa biex jitħaffef il-pass tal-proċess ta' adeżjoni kif ukoll it-tkabbir sostenibbli u d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-Moldova għall-benefiċċju tal-poplu tagħha.

Il-Pjan ta' Tkabbir għall-Moldova se jindirizza n-nuqqasijiet strutturali sottostanti li jżommu lura l-potenzjal tat-tkabbir tal-Moldova billi jsahha il-kompetittività tal-pajjiż, jappoġġa investimenti sostanzjali fis-settur privat u fl-infrastruttura, itejjeb il-governanza ekonomika, jiżviluppa l-kapital soċjali tiegħu, jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u jippromwovi l-istat tad-dritt u l-isforzi kontra l-korruzzjoni. Il-pjan se jassisti lill-Moldova fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq miftuħ u li tiffunzjona li tkun kapaċi tlaħħaq mal-pressjonijiet kompetittivi u l-forzi tas-suq fl-UE. It-taffif tal-allinjament mal-liġijiet u l-istandards tal-UE se jiffaċilita wkoll l-integrazzjoni progressiva tal-Moldova fis-suq uniku tal-UE, filwaqt li jiżblokka wħud mill-benefiċċji tas-sħubija fl-UE qabel l-adeżjoni, li min-naħa tiegħu se jixpruna t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u johlq l-impjiegi.

1. IS-SITWAZZJONI SOĊJOEKONOMIKA ATTWALI TAL-MOLDOVA

Filwaqt li l-gvern attwali rnexxielu jġestixxi b'abbiltà l-kriżijiet li ffaċċja waħda fuq oħra, l-ekonomija tal-Moldova sabitha bi tqila matul dawn l-aħħar snin biex ittejjeb il-konverġenza ekonomika tagħha mal-UE. Il-PDG *per capita* tal-pajjiż laħaq 29 % tal-medja tal-UE fl-2023, li jikklassifika wara l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. L-ekonomija tal-pajjiż għadha qiegħda tibda tirpilja bil-mod minn xokkijiet u reċessjonijiet esterni reċenti kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19, u aggravati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-istrumentalizzazzjoni tagħha tal-enerġija, u l-kriżijiet tal-enerġija u tar-refuġjati li feġġew kaġun ta' hekk⁵. L-irpiljar ekonomiku huwa mistenni li jkompli fl-2024 u fl-2025, għalkemm it-tkabbir annwali tal-PDG huwa pproġettat li jibqa' taħt il-livelli meħtieġa biex tiġi żgurata konverġenza rapida mal-medja tal-UE.

⁵ Wara tnaqqis ta' 8 % fil-PDG fl-2020, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, segwit minn irkupru qawwi ta' 14 % fl-2021, l-ekonomija tal-Moldova reġġet naqset b'5 % fl-2022, wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-ekonomija għaddiet ukoll minn kriżi tal-enerġija relatata mad-dipendenza tagħha fuq il-gass mir-Russja u nixfiet severi li kellhom impatt fuq il-ħsad agrikolu, kritiku għall-prestazzjoni ekonomika tal-Moldova. L-ekonomija tal-Moldova gradwalment daħlet f'fażi ta' rpiljar, għalkemm b'pass kajman, bit-tkabbir tal-PDG reali jilħaq 0,7 % għall-2023.



Sors: l-Eurostat u l-Bank Dinji

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244(1999) u l-Opinjoni tal-QiG dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

L-ekonomija tal-Moldova sofriet ukoll minn snin ta' nuqqas ta' investiment filwaqt li d-diversifikazzjoni ekonomika għadha baxxa. L-esportazzjonijiet tal-pajjiż jikkonsistu fil-biċċa l-kbira fi prodotti agrikoli u industrijali b'valur miżjud baxx, bħaċ-ċereali u ż-żrieragħ żejtnin, it-tagħmir elettriku, u t-tessuti. Bl-iskarsezza ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, produttività baxxa, u waħda mill-ogħla rati ta' emigrazzjoni fl-Ewropa, il-Moldova ssibha diffiċli żżomm il-kapital uman tas-sengħa li teħtieġ għat-tkabbir tal-ekonomija tagħha. L-investimenti pubbliċi baqgħu limitati bħala perċentwal tal-PDG, u dan naqqas il-kapaċità tiegħu li jaġġorna l-infrastruttura vitali tal-enerġija, diġitali u tat-trasport. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kompliet taggrava d-diffikultajiet biex jiġu attirati investimenti diretti barranin (IDB). L-assi tal-intrapriżi tal-istat, li jammontaw għal madwar wieħed fuq ħamsa tal-PDG tal-Moldova, jirrappreżentaw piż fiskali għall-ekonomija u jikkontribwixxu għal nuqqas ta' kompetizzjoni tas-suq u ineffiċjenzi.

Flimkien ma' ambjent tan-negozju ġeneralment batut u dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija, dawn l-impedimenti jikkostitwixxu ostakli sinifikanti għall-kapaċità tal-Moldova li tiżblokka b'mod sinifikanti l-opportunitajiet offruti mid-DCFTA mal-UE. Id-DCFTA fiha minjiera ta' potenzjal mhux sfruttat li jirrikjedi li l-Moldova żżid mhux biss il-volum iżda wkoll il-valur miżjud fl-esportazzjonijiet tagħha fis-setturi agrikoli, tal-manifattura, tal-informazzjoni, tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni, u ta' servizzi oħra.

Strateġija ambizzjuża ta' riforma u investment tista' tkun il-katalizzatur li jagħti lok li jintlaħqu dawn l-oġġettivi.

2. IL-PJAN TA' TKABBIR GĦALL-MOLDOVA U L-PILASTRI EWLENIN TIEGĦU

Waqf li l-Moldova qiegħda tirpilja mix-xokkijiet esterni reċenti, huwa meħtieġ li jingħata appoġġ sostanzjali lill-pajjiż biex jikkapitalizza fuq l-oportunitajiet ekonomiċi tiegħu, iħaffef il-konverġenza, u jippromwovi t-tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli għaċ-ċittadini tiegħu. Biex jiġi żgurat progress fil-pront, il-Pjan ta' Tkabbir propost għall-Moldova — bħal dak għall-Ukrajna u l-Balkani tal-Punent — se jkun iċċentrat fuq tliet pilastri:

- 1) ***It-tħaffif tal-pass tar-riformi soċjoekonomiċi u fundamentali***⁶, permezz tal-appoġġ ta' Aġenda għar-Riforma apposta marbuta mill-qrib mal-proċess ta' adeżjoni tal-Moldova mal-UE.
- 2) ***It-tisħiħ tal-aċċess għas-suq uniku tal-UE***, abbażi tal-oportunitajiet offruti miż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva u l-parteċipazzjoni fil-programmi u l-politiki tal-UE, soġġett għall-allinjament tal-Moldova mar-regoli rilevanti tas-suq uniku tal-UE.
- 3) ***Iż-żieda tal-assistenza finanzjarja*** biex tappoġġa l-implimentazzjoni tar-riformi soċjoekonomiċi u fundamentali, u tikkontribwixxi għall-iskattar tal-investimenti, permezz ta' Faċilità apposta għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Moldova bi żborżi bil-kundizzjoni li jsir il-progress fir-rigward tar-riformi.

Filwaqt li jirrinforzaw lil xulxin u jibnu fuq il-proċess ta' riforma f'konformità mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni/DCFTA u r-riżultati tal-EIP, dawn it-tliet pilastri jindirizzaw il-problemi strutturali sottostanti li jżommu lill-pajjiż lura fil-perkors ta' tkabbir tiegħu u jistgħu jgħinu lill-Moldova tirdoppja l-ekonomija tagħha matul id-deċennju li ġej. F'konformità mal-metodoloġija eżistenti tat-tkabbir⁷ dan se jħaffef ukoll il-pass tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-*acquis* u se jwassal biex jimmaterjalizzaw il-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-integrazzjoni qabel l-adeżjoni mal-UE. F'dan ir-rigward, ir-riformi fundamentali, inklużi biex jissaħħu l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, huma indispensabbli biex jiġu sfruttati l-benefiċċji tal-integrazzjoni u biex jinħoloq ambjent favorevoli li jattira investimenti privati u jiġi ġġenerat tkabbir ekonomiku sostenibbli filwaqt li jitnaqqsu l-emissjonijiet.

Il-Pilastru 1: It-tħaffif tal-pass tar-riformi soċjoekonomiċi u fundamentali, permezz ta' Aġenda għar-Riforma apposta

⁶ Il-ġabra tal-elementi fundamentali tinkludi: il-Kapitolu 23 – Ġudikatura u drittijiet fundamentali, il-Kapitolu 24 – Ġustizzja, Libertà u Sigurtà, il-kriterji ekonomiċi, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-Kapitolu 5 – Akkwist pubbliku, il-Kapitolu 18 – Statistika u l-Kapitolu 32 – Kontroll finanzjarju.

⁷ COM (2020) 57 final

Biex jitħaffef il-pass tal-konverġenza soċjoekonomika sostenibbli u inklużiva tal-Moldova mal-UE qabel l-adeżjoni, il-Pjan ta' Tkabbir għall-Moldova se jkun iċċentrat fuq Aġenda għar-Riforma. L-Aġenda għar-Riforma se tgħin biex jiġu strutturati u żgurati l-inizjattivi ta' riforma ambizzjużi tal-Moldova, filwaqt li tinċentiva l-implimentazzjoni tagħhom u tagħti lok għal investimenti li jiġu magħhom. Se tkun ibbażata fuq l-istrateġija ta' żvilupp nazzjonali tagħha⁸, l-Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp Ekonomiku għall-2030, l-istrateġiji settorjali nazzjonali, l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova għall-perjodu 2021–2027, ir-rakkomandazzjonijiet eżistenti mill-pakketti annwali tat-tkabbir, il-konklużjonijiet tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju, u l-Programm ta' Riforma Ekonomika (PRE, Economic Reform Programme) kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni Prijoritarju 2023–2024⁹. L-Aġenda għar-Riforma żviluppata mill-Moldova se tiġi vvalutata u approvata mill-Kummissjoni Ewropea.

L-Aġenda għar-Riforma se tiddekrivi r-riformi prijoritarji għall-iżvilupp soċjoekonomiku, filwaqt li tibni fuq **xprunaturi ewlenin għat-tkabbir ekonomiku**: il-kompetittività ekonomika; ir-reżiljenza ekonomika, inklużi l-infrastruttura u l-enerġija; il-governanza ekonomika; il-kapital soċjali; u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Biex tippromwovi **l-kompetittività ekonomika**, l-Aġenda għar-Riforma se tkun ikkaratterizzata minn azzjonijiet li jtejbju l-ambjent tan-negozju u l-appoġġ għall-SMEs, inkluż minn perspettiva regolatorja; li jimplimentaw il-politika industrijali l-għdida; u li jippromwovu l-esportazzjonijiet u l-investimenti biex tiġi meġġuna l-integrazzjoni tal-kumpaniji lokali fil-ktajjen tal-valur mondjali. It-tisħiħ tar-**reżiljenza ekonomika** jesiġi riformi strutturali biex tixxejjen id-diskrepanza fil-konnettività tal-Moldova, b'mod partikolari billi jiġu allinjati l-politiki tat-trasport, l-enerġija u diġitali, u jiġu żgurati investimenti sostanzjalment akbar f'dawn is-setturi ewlenin. Barra minn hekk, se jkun meħtieġ titjib fil-**governanza ekonomika**, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi permezz ta' sistemi ta' awditjar u kontroll, l-indirizzar tal-ineffiċjenzi tal-intrapriżi tal-istat, u t-tnaqqis tad-dominanza tagħhom fis-setturi produttivi.

Fir-rigward tal-**kapital soċjali**, se jkunu meħtieġa miżuri biex jiġu appoġġati r-riformi fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-ħiliet, l-impjiegi inklużivi u l-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol b'lenti mixħuta fuq iż-żgħażaġh, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa, il-protezzjoni soċjali u s-saħħa.

Fl-aħħar nett, f'konformità mal-impenn tal-Moldova li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050, it-**tranżizzjoni ekoloġika** bħala prijorità orizzontali se tgħin lill-Moldova tiddekarbonizza l-ekonomija u l-infrastruttura tagħha u ttrażzan it-tniġġis u d-degradazzjoni ambjentali. Se tindirizza l-produttività tar-riżorsi u l-ekonomija ċirkolari, il-bijodiversità, l-ambjent b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet ambjentali.

L-Aġenda għar-Riforma se tiddekrivi r-riformi ewlenin **fl-elementi fundamentali kollha** tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE minħabba n-natura trasversali tagħhom, iċ-ċentralità għall-proċess ta' adeżjoni u l-importanza għal ekonomija li tiffjorixxi u ambjent tan-negozju san kif ukoll

⁸ [LP315/2022 \(legis.md\)](#)

⁹ Il-Pjan ta' Azzjoni Prijoritarju għal implimentazzjoni msaħħa tal-komponent tad-DCFTA tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-Unjoni Ewropea fl-2023–2024: [Ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE mal-Moldova \(europa.eu\)](#)

fiduċja tal-investituri. Ir-riformi se jsaħħu l-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kontra l-kriminalità organizzata, kif ukoll il-ġestjoni tal-affarijiet interni, inkluż l-allinjament tal-viża mal-UE. Barra minn hekk, ir-riformi se jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali, inklużi l-libertà tal-espressjoni u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, u se jsaħħu r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika tal-Moldova.

L-implimentazzjoni li tirnexxi tal-**Aġenda għar-Riforma** se twitti t-triq għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Tkabbir għall-Moldova: l-iżborżi tal-finanzjament tal-UE taħt il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir se jsiru bil-kundizzjoni li jinkiseb progress u se jikkontribwixxu biex jitħaffef il-pass tan-negozjati tal-adeżjoni.

Pilastru 2: It-tisħiħ tal-aċċess għas-suq uniku tal-UE għall-Moldova

Li l-pajjiż jingħata aktar opportunitajiet biex jikseb rabtiet aktar profondi mas-suq uniku tal-UE huwa wieħed mir-raġunamenti ewlenin wara l-Pjan ta' Tkabbir. Dan se jsaħħaħ gradwalment il-kapaċità tal-Moldova li tlaħħaq mal-pressjonijiet kompetittivi tas-suq, kif ukoll se jipprovdi aċċess għas-suq għal prodotti u servizzi ta' valur ogħla fis-setturi orjentati lejn l-esportazzjonijiet, filwaqt li jixpruna tkabbir sostenibbli u inklużiv u joħloq l-impjiegi. Għandu l-għan li joħloq kundizzjonijiet ekwi għall-esportaturi tal-Moldova u tal-UE billi jiġu applikati n-normi u l-istandards tal-UE għall-prodotti tal-Moldova.

Il-Pjan ta' Tkabbir jipproponi azzjonijiet immirati f'ħames oqsma ta' prijarità li fir-rigward tagħhom il-Moldova tista' tieħu passi immedjati biex iżżid il-benefiċċji tas-suq uniku: (i) il-moviment liberu tal-merkanzija u l-integrazzjoni fil-ktajjen tal-provvista; (ii) il-faċilitazzjoni tal-iskambji kummerċjali u tal-konnessjonijiet tat-trasport; (iii) l-integrazzjoni fis-suq tal-enerġija tal-UE; (iv) l-integrazzjoni fis-Suq Diġitali; u (v) l-aċċess għaż-żona unika ta' pagamenti bl-euro (SEPA, Single Euro Payments Area).

L-azzjonijiet immedjati se jkunu kkonċentrati fuq il-moviment liberu tal-merkanzija, u fil-mira tagħhom se jkollhom l-istandardizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni, il-valutazzjoni tal-konformità u s-sorveljanza tas-suq, li se jgħinu fiż-żieda tal-esportazzjonijiet tal-Moldova lejn is-suq uniku. Waqt li l-pajjiż qiegħed jikseb il-livell meħtieġ ta' tħejjija, se jsir possibbli aċċess addizzjonali. Il-proċessi tal-qsim tal-fruntieri, inkluż id-dwana, jistgħu jiġu ffaċilitati u tista' tittejjeb is-sigurtà kumplessiva tal-katina tal-provvista, billi l-Moldova taderixxi mal-Konvenzjoni dwar Proċedura Komuni ta' Tranżitu u tapprofita mis-sistema tal-kontroll tal-kummerċ u tal-esperti (TRACES, Trade Control and Expert System) **fl-iskambji kummerċjali u l-konnessjonijiet tat-trasport**. Barra minn hekk, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri fuq il-fruntiera se tiġi mistħarrġa biex jittejjbu l-flussi kummerċjali. L-aċċess tal-Moldova għaż-**żona unika ta' pagamenti bl-euro** (SEPA), soġġett għall-issodisfar tal-kriterji meħtieġa u deċiżjoni mill-Kunsill Ewropew tal-Pagamenti, se jstimula l-kummerċ u l-investimenti transfruntiera. B'vizzjoni li tħares 'il quddiem lejn l-integrazzjoni tas-Suq Uniku Diġitali, se jiġu appoġġati l-opportunitajiet għas-sħubija fiż-żona tar-roaming tal-UE, kif ukoll l-assoċjazzjoni mal-**inizjattivi emblematiċi tal-UE**, inkluż il-Kartiera tal-Identità Diġitali tal-UE u r-Riżerva għaċ-Ċibersigurtà tal-UE.

Oqsma ulterjuri possibbli għall-kooperazzjoni jinkludu l-**mediċini kritiċi, il-kummerċ elettroniku u r-rikonossiment tal-ħiliet**. Permezz tal-aċċess għall-Alleanza tal-Mediċini Kritiċi, il-Moldova tista' tiżviluppa sħubijiet strateġiċi biex tiżgura l-provvista ta' mediċini kritiċi. Jistgħu jiġu żviluppati servizzi relatati mal-kummerċ elettroniku inklużi servizzi ta' konsenja tal-pakketti u tat-turiżmu. Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ħiliet u tar-rikonossiment tal-kwalifiki tkun ta' appoġġ għal aċċess aħjar għaċ-ċittadini tal-Moldova għas-suq tax-xogħol tal-UE (ara l-Anness).

Il-Moldova diġà tgawdi minn relazzjonijiet kummerċjali mill-qrib mal-ġirien tagħha tal-UE, li rduppjaw matul l-aħħar 10 snin. Għandhom jiġu esplorati aktar opportunitajiet biex tiġi appoġġata ż-żieda fil-volum u l-valur miżjud, u l-kisbiet potenzjali għall-Moldova inkluż billi jkomplu jissaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali mal-Ukrajna. L-aċċess imsaħħaħ tal-Moldova għas-suq uniku tal-UE huwa appoġġat ukoll mill-parteċipazzjoni tagħha fiż-Żona ta' Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA, Central European Free Trade Area)¹⁰. F'dan il-kuntest, il-Moldova hija mistennija tkompli tappoġġa b'mod kostruttiv il-ħidma ta' din l-organizzazzjoni reġjonali. Se tingħata aktar assistenza biex jissaħħu l-politiki tagħha ta' żvilupp reġjonali u l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, filwaqt li titqies il-kollaborazzjoni interreġjonali fl-UE, inkluż fir-Reġjuni tad-Danubju u tal-Baħar l-Iswed¹¹.

Il-Pilastru 3: Iż-żieda tal-assistenza finanzjarja biex tappoġġa r-riformi soċjoekonomiċi u fundamentali u jiġu attirati l-investimenti

L-UE kellha rwol ċentrali fl-għoti tal-assistenza finanzjarja meħtieġa biex issaħħaħ ir-reżiljenza tal-Moldova matul dawn l-aħħar snin u offriet appoġġ immirat. Mill-2021, l-UE saħqet mill-ġdid b'vuċi qawwija l-appoġġ għall-Moldova u s-solidarjetà magħha billi qiegħdet għad-disponibbiltà EUR 2,2 biljun f'self u appoġġ mhux ripagabbli. Il-Moldova bħalissa tibbenefika mill-appoġġ tal-UE fl-ambitu tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI, Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument). Il-finanzjament ingħadda permezz ta' diversi forum ta' appoġġ, bħal appoġġ baġitarju dirett, assistenza makrofinanzjarja, parteċipazzjoni fi programmi tal-UE, u proġetti ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali ggarantiti mill-baġit tal-UE.

Fid-dawl tal-perkors tal-adeżjoni tal-pajjiż, il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabir għall-Moldova (il-Faċilità) għandha l-għan li ttipprovdi **aktar appoġġ finanzjarju** għall-implimentazzjoni tal-Aġenda għar-Riforma komprensiva. L-investimenti se jgħinu lill-Moldova tikseb il-potenzjal sħiħ tagħha f'termini ta' żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli meta mqabbla mal-Istati Membri tal-UE, se jtejjbu l-istandards tal-ġhajxien u jħaffu l-pass tal-adeżjoni tal-Moldova.

Il-Faċilità, ippreżentata separatament bħala proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, se tiżborża appoġġ sa massimu ta' EUR 1,8 biljun u hija mmudellata mill-qrib fuq il-

¹⁰ Il-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA) 2006 jgħaqqad flimkien il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u l-Moldova f'żona ta' kummerċ reġjonali bl-għan li jiġi liberalizzat il-kummerċ ta' merkanzija u servizzi fir-reġjun. Il-ħidma tas-CEFTA ġiet inkorporata fil-pjan ta' azzjoni tas-CRM fl-2020.

¹¹ B'mod partikolari permezz tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju u l-Aġenda Marittima Komuni għall-Baħar l-Iswed

Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent¹². Se tiġi ffinanzjata mill-EUR 420 miljun ta' allokkazzjonijiet bilaterali previsti għall-Moldova fl-ambitu tal-NDICI u se tkopri l-perjodu 2025–2027. Parti minn dan l-ammont se jintuża biex jimmobilizza **s-self**, żborżat direttament lill-baġit nazzjonali tal-Moldova, biex jiġi riformi speċifikati fl-Aġenda għar-Riforma u jkunu jistgħu jsiru l-investimenti meħtieġa. Dan is-self se jkun konċessjonali ħafna, b'perjodu twil ta' ripagament u rati tal-imgħax vantaġġużi. L-appoġġ finanzjarju **mhux ripagabbli** se jkompli jiġi pprovdut mill-pakkett bilaterali, inkluża l-assistenza teknika biex takkumpanja l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-Pjan ta' Tkabbir u tipprovdri appoġġ lis-soċjetà ċivili. Il-Moldova se tkompli tibbenefika minn inizjattivi reġjonali kif ukoll tipparteċipa fil-programmi tal-UE.

L-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità se jsiru bil-kundizzjoni li ssir l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti speċifiċi identifikati fl-Aġenda għar-Riforma, li se jservu bħala kundizzjonijiet għall-pagament, jiġifieri l-kisba tagħhom tiskatta r-rilaxx tal-fondi taħt il-Faċilità l-ġdida għar-Riforma u t-Tkabbir skont skeda ta' żmien predeterminata.

Il-Pjan ta' Tkabbir, billi jorbot iż-żieda fl-appoġġ finanzjarju taħt il-Pilastru 3 u l-Aġenda għar-Riforma taħt il-Pilastru 1, flimkien mal-opportunitajiet offruti mill-Pilastru 2 (aċċess għas-suq uniku tal-UE), se jappoġġa l-konverġenza soċjoekonomika tal-Moldova mal-UE, kif ukoll il-proċess ta' adeżjoni tagħha billi jħaffef il-pass tal-allinjament mal-valuri, il-liġijiet u l-istandards tal-UE.

Il-Faċilità mistennija timmobilizza madwar EUR 2,5 biljun ta' investimenti ġodda minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u mis-settur privat. Din iż-żieda sostanzjali fl-investment pubbliku u privat se timxi id f'id mal-implimentazzjoni tal-Aġenda għar-Riforma biex titwettagħ l-infrastruttura tal-enerġija, tat-trasport u tal-konnettività diġitali meħtieġa biex in-negozji u l-kummerċ jirnexxu. Il-Faċilità se tuża wkoll l-investimenti bħala ingranaġġ biex tassisti lill-Moldova fil-perkors tagħha lejn id-dekarbonizzazzjoni. Il-**Pjattaforma ta' Investment għall-Viċinat** (PIN)¹³, se tkun il-mezz ewlieni għall-implimentazzjoni ta' dawn l-investimenti. Se tibni fuq il-ħidma li diġà saret permezz tal-EIP għall-Moldova¹⁴, li mexxa l-investimenti f'setturi kritiċi bħall-konnettività, l-effiċjenza enerġetika, l-iżvilupp tan-negozju, u l-kompetittività.

Il-Pjan ta' Tkabbir, billi jqiegħed enfasi fuq l-Aġenda għar-Riforma u l-investimenti allinjati, se jservi bħala qafas strateġiku b'saħħtu u jista' jappoġġa l-isforzi tal-Moldova fil-koordinazzjoni tad-donaturi b'mod partikolari fil-kuntest tal-Pjattaforma ta' Sħubija tal-Moldova li tiġbor flimkien l-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi tal-G7, is-sħab internazzjonali, u sħab tal-istess fehma.

¹² Ir-Regolament (UE) 2024/1449 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent

¹³ Il-PIN hija mekkaniżmu bl-għan li timmobilizza finanzjament addizzjonali biex jiġu ffinanzjati proġetti ta' infrastruttura fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE. Tiġbor flimkien għotjiet mill-UE u l-Istati Membri tagħha u tużahom bħala ingranaġġ għas-self minn Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej u kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi sħab infushom.

¹⁴ L-EIP diġà mmobilizza EUR 1,6 biljun f'investimenti pubbliċi u privati, li juri l-effettività tiegħu biex jattira r-riżorsi u jirrinforza r-reżiljenza ekonomika.

KONKLUŻJONI

Il-Moldova tinsab impenjata fil-perkors tal-adeżjoni mal-UE. Fid-dawl tal-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-gwerra ibrida tar-Russja kontra l-Moldova, il-pajjiż għadu qiegħed jiffaċċja sfidi sinifikanti biex jagħti l-ħajja lit-tkabbir ekonomiku tiegħu u jmessi 'l quddiem ir-riformi soċjoekonomiċi b'pass adegwat. Billi jsegwi fuq il-passi tal-Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, il-Pjan ta' Tkabbir għall-Moldova huwa estensjoni f'waqtha tal-offerta tal-UE biex tgħin lill-Moldova tagħti imbottatura lill-perspettivi ta' żvilupp ekonomiku sostenibbli tagħha u tħaffef ir-riformi fundamentali meħtieġa biex titnaqqas id-diskrepanza fil-konverġenza ekonomika.

Permezz tat-tliet pilastri interkonnessi tiegħu, il-Pjan se jappoġġa **l-integrazzjoni tal-Moldova fl-UE u fis-suq uniku tagħha**. Għandu t-tir li jegħleb l-isfidi strutturali, imexxi 'l quddiem ir-riformi fundamentali dwar l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Il-Pjan se jimla vojt kbir fl-investiment fl-infrastruttura u fin-negozji, jippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u jżid il-produttività billi jiffoka fuq setturi ewlenin b'potenzjal kbir ta' tkabbir. Fl-aħħar mill-aħħar, dan se jippermetti lill-ekonomija tal-Moldova biex potenzjalment tirdoppja matul id-deċennju li jmiss u tattira investimenti kapitali ġodda. Se jgħin biex jiffaċilita l-ħolqien ta' 5 000 negozju ġdid u se jkun ta' għajjnuna biex 100 000 ċittadin Moldovan isibu impjieg.

Biex tibbenefika bis-sħiħ mill-Pjan ta' Tkabbir, il-Moldova trid timplimenta riformi u **tiżgura approċċ komprensiv li jinvolvi s-segmenti kollha tas-soċjetà**. Dan għandu, min-naħa tiegħu, iwassal għal allinjament aktar rapidu mal-liġijiet u l-istandards tal-UE, kif ukoll riformi fl-oqsma fundamentali tal-proċess tat-tkabbir. Implimentazzjoni effettiva se tkun qiegħda tirrikjedi mekkaniżmu robust b'koordinazzjoni interistituzzjonali b'saħħitha fil-pajjiż.

Il-Pjan ta' Tkabbir se jservi bħala pjan direzzjonali strateġiku għall-investiment fis-snin li ġejjin u se jipprovdi pjattaforma għal koordinazzjoni aħjar tad-donaturi, jew biex jiġi żgurat appoġġ wiesa' u mmirat għal riformi u investimenti essenzjali.

Permezz tat-trawwim ta' ekonomija b'saħħitha u reżiljenti, il-Pjan ta' Tkabbir għall-Moldova se jgħib miegħu benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini kollha u se jqiegħed il-pedamenti għall-ġejjieni sostenibbli, prosperuż u paċifiku tal-Moldova, li jirrifletti l-ambizzjoni tagħha li tħaffef il-pass tal-integrazzjoni mal-UE.